# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru, 2001**

**Numru 4**

**Rikors Nru. 701/99 GCD**

**Emanuel Ciantar**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

**Ir-rikors promotur**

Ir-rikorrent Emanuel Ciantar ipproceda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali bis-segwenti rikors li bih qed jitlob rimedju taht id-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") ghall-harsien tad-dritt tieghu tal-proprjetà (art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni) u tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli (art. 6 tal-Konvenzjoni).

Ir-rikors ighid illi fis-7 ta' Mejju 1998 il-pulizija kienu qabdu il-karrozza tar-rikorrent tal-marka *Peugeot 106 diesel* bin-numru CAG 393.

B'ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 1999 ir-rikorrent kien stqarr illi ma hemm ebda ligi li taghti xi setgha biex hu jkun imfixkel b'dan il-mod fit-tgawdija ta' hwejgu, ghal zmien indeterminat, u bla ebda terminu moghti mil-ligi, kif lanqas ma hemm xi ligi ordinarja li tista' ggieghel lill-pulizija jitilqu l-karrozza, jew li jtemmu l-istharrig taghhom dwarha fi zmien qasir. Fl-ittra r-rikorrent kien ilmenta illi l-qbid ta' hwejgu kien gà qieghed jikser id-dritt tieghu mhares taht l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ghax il-pulizija taht ebda ligi ma ghandha setgha hekk diskrezzjonali fuq il-proprjetà. Kien qal ukoll illi, jekk il-karrozza ma tinghatalux fi zmien jumejn, hu jmexxi bi proceduri ohra skond il-ligi.

Ir-rikors ikompli jghid illi r-rikorrent ma ghandux rimedji ohra kif ihares id-dritt tieghu ta' proprjetà. Barra minn hekk, aktar ma jghaddi zmien, aktar jaqa' l-valur tal-proprjetà, u r-rikorrent isofra dan id-dannu wkoll, b'zjieda mad-dannu talli ma jkunx jista' jinqeda bil-karrozza.

Ir-rikorrent ighid li ghandu jkollu rimedju taht l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghax dan ighid illi kull "persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha". Dan l-artikolu ma jsemmi ebda eccezzjoni minhabba htiega biex isir xi ezami fuq il-proprjetà.

Ir-rikors imbaghad ighid illi ma hemmx ligi li taghti kumpens talli l-pulizija tkun zammet il-karrozza, u s-sid ikollu biss id-dritt li jiehu l-karrozza jew dak li jkun fadal minnha.

Ighid ukoll illi jekk il-pulizija tghid li ghandha suspett ragonevoli, id-dewmien ta' bejn meta ttiehdet il-karrozza u llum huwa ksur tad-dritt tar-rikorrent, imhares taht l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni, ghal gudizzju fi zmien ragonevoli.

Ir-rikorrent ghalhekk talab dawn ir-rimedji:

1. illi l-qorti tghid illi kien hemm ksur tad-dritt tieghu mhares taht l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u, jekk ikun il-kaz, taht l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni; u

2. illi l-qorti taghtih dawk ir-rimedji li jkunu jghoddu ghall-kaz, illi taghti ordnijiet, ukoll waqt li tkun ghadha miexja l-kawza, ghall-harsien tad-dritt tieghu, u taghtih kumpens ghall-ksur tad-drittijiet tieghu.

**<u>Ir-risposta</u>**

L-intimat Kummissarju tal-Pulizija hekk eccepixxa ghat-talbiet tar-rikorrent:-

1. "illi l-qorti ma ghandhiex tinqeda bis-setghat taghha taht l-art. 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) billi r-rikorrent kellu hafna rimedji ordinarji biex jikkontesta l-eghmil ta' l-intimat;

2. illi ma jistax jinghad illi kien hemm ksur tad-dritt ta' proprjetà tar-rikorrent ghax il-karrozza maqbuda ma hix proprjetà tieghu; u

3. illi l-istat jista' jindahal fit-tgawdija ta' proprjetà billi jikkontrolla l-uzu taghha "skond l-interess generali".

## Il-Fatti tal-Kaz

L-Ewwel Qorti hekk iddeskriviet il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza:-

> "Il-fatti li wasslu ghal dan il-kaz, fil-qosor, huma dawn. Ir-rikorrent kellu f'idejh karrozza tal-marka *Peugeot* u l-pulizija kellhom suspett li l-karrozza kienet misruqa. Ghalhekk baghtu ghar-rikorrent biex igib il-karrozza mieghu u, meta l-pulizija raw il-karrozza, dehrilhom li kien hemm x'juri li n-numru tax-*chassis* kien imbaghbas[1]. Meta raw hekk, il-pulizija zammew il-karrozza biex ikomplu l-istharrig taghhom dwarha. Naturalment, waqt li l-karrozza kienet mizmuma mill-pulizija, ir-rikorrent ma setax jinqeda biha u, billi deherlu li dan kien bi ksur tad-drittijiet tieghu, fetah dawn il-proceduri tallum. Wara li kien ipprezentat ir-rikors, inbdew ukoll proceduri kriminali kontra r-rikorrent quddiem qorti ohra."

Dawn il-fatti huma sostanzjalment dawk rilevati mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu.

## Decide

B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Gunju, 2000 dik il-Qorti laqghet eccezzjoni dwar rimedju ordinarju u ghalhekk ghazlet li ma tinqediex bis-setghat taghha taht l-artikolu 4(2) ta' l-Att dwar il-

[1] Ara x-xiehda ta' l-Ispettur Maurice Curmi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 1999, *foll.* 114 *et seqq.*

Konvenzjoni Ewropeja u ma qisitx aktar ir-rikors. L-ispejjez tal-proceduri kellu jhallashom ir-rikorrent.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti tqis dan il-kaz li hu konvenjenti li taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha in tema ta' l-aggravji sollevati mill-appellant b'riferenza ghall-motivazzjoni tas-sentenza appellata proprju ghaliex din il-Qorti tqis illi l-esposizzjoni tejorika tad-dritt ammistrattiv u kostituzzjonali mill-ewwel Qorti kienet ineccepibbli u ta' kjarezza notevoli anke jekk din il-Qorti effettivament ser tasal ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti pero' ghal ragunijiet xi ftit diversi. Din il-Qorti infatti waslet ukoll ghall-konvinciment illi dan kien kaz fejn ir-rikorrent kellu disponibbli ghalih rimedji ohra adegwati u xierqa skond il-ligi ordinarja u li konsegwentement ma kienx il-kaz li jirrikorri ghal proceduri eccezzjonali kostituzzjonali. Dawk ir-rimedji ma kienux pero' ezattament identifikati mill-Ewwel Qorti. Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti ser jiehdu xejra ta' kwotazzjoni mill-motivazzjoni tas-sentenza appellata li dwarha din il-Qorti ser taghmel l-osservazzjonijiet taghha fid-dawl ukoll ta' l-aggravju sottomess mill-appellant.

A. <u>L-ewwel parti tas-sentenza appellata</u> titratta dwar in-natura tar-rikors kostituzzjonali u korrettement tenuncja l-principju illi dak kien

rimedju straordinarju li, bhala regola, kellu jigi utilizzat biss fejn u sakemm ma jkunx jirrizulta li hemm rimedju iehor xieraq fid-dritt ordinarju. Xieraq fit-termini tad-definizzjoni elaborata mill-gurisprudenza Ewropeja imma anke ta' din il-Qorti. Dik il-parti tas-sentenza appellata taqra hekk:-

**"Dwar ir-Rimedju Ordinarju**

Ir-rimedju taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa rimedju straordinarju. Dan ir-rimedju jinghata biss meta l-ligi ordinarja ma tkunx bizzejjed biex thares id-drittijiet ta' l-individwu u ghalhekk l-istat ikun naqas fid-dmir tieghu li jhares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taht il-ligijiet ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali jinghataw biss f'dawk ic-cirkostanzi straordinarji, u nkunu qeghdin inwaqqghu s-siwi ta' dawk id-dispozizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taht il-ligi ordinarja jkun tajjeb u bizzejjed.

Ghalhekk l-art. 4(2) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jghid illi:

> (2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna gdwar allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentalih, u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Izda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il- persuna skond xi ligi ordinarja ohra.

Ghal din ir-raguni l-qorti ma taqbilx ma' dak li qal ir-rikorrent fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghuipprezentata fl-24 ta' Mejju 1999 meta qal illi, f'materja ta' drittijiet fondamentali, ir-rimedju bil-procedura taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa r-rimedju ordinarju. Ir-rikorrent qal hekk:

> Ir-rimedju ordinarju ghall-allegati vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem hu dak previst mill-Kostituzzjoni u mill-Kap. 319. Dan jipprevedih ukoll l-istess artikolu 469A [tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv] kieku wiehed kellu jghid li hu "att amministrattiv" dak li sar mill-intimat. Fl-istess artikolu jibda bil-kliem dwar li bla hsara ta' xi ligi glih tipprovdi xort'ohra, il-qrati tal-gustizzja jistghu … … … [jistharrgu dwar l-eghmil amministrattiv]. F'materja prettament ta' drittijiet tal-bniedem, il-ligi suprema tipprovdi l-metodu specifiku.[2]

Izda meta l-art. 469A ighid illi l-qorti, fil-kompetenza ordinarja civili taghha, ghandha gurisdizzjoni biex tistharreg dwar l-eghmil imsemmi f'dak l-artikolu "hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi", ma jridx ifisser li fejn l-eghmil jista' jigi mistharreg kemm taht il-kompetenza civili kif ukoll taht dik kostituzzjonali, mela l-kompetenza kostituzzjonali ghandha tigi preferuta. It-tifsira hi li l-qorti fil-kompetenza civili ghandha gurisdizzjoni hlief fejn il-ligi tnehhilha dik il-gurisdizzjoni, u r-regola tibqa' li fejn jista' jinghata rimedju tajjeb u bizzejjed mil-qorti fil-kompetenza civili mela ma hemmx ghalfejn isiru l-proceduri straordinarji bhal dawk tallum."

Osservazzjoni ta' din il-Qorti

Ma' din l-enuncjazzjoni korretta ta' dritt din il-Qorti ma jidhrilha li ghandha zzid xejn. Tillimita ruhha biex tenfasizza biss zewg punti.

1. L-eghmil ta' l-amministrazzjoni jista' jikser il-Kostituzzjoni taht diversi aspetti u mhux biss taht l-aspett ta' vjolazzjoni ta' jedd fondamentali kif protett fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni. Kif josserva l-appellant is-subinciz (a) ta' l-inciz (1) ta' l-artikolu 469 (A) jaghti lill-Qrati tal-Gustizzja ta' kompetenza civili gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' eghmil amministrattiv meta "l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni". Gustament l-Ewwel Qorti rrimarkat illi dan ma jfissrix li

---

[2] *Fol.* 43.

ma ghandhiex l-istess kompetenza jekk l-eghmil amministrattiv hu allegat li jikser il-Konvenzjoni ghaliex din ghal kull buon fini titqies li hi parti integrali mid-dritt ordinarju tal-pajjiz. Jigi rammentat illi fil-kaz taht ezami, l-appellant qed jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fondamental tieghu taht il-Konvenzjoni Ewropeja imma mhux taht il-Kostituzzjoni. Ghal kull buon fini, sewwa jigi sottolinejat illi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti f'dawn l-ahhar snin ittantat tidentifika l-limiti tas-subinciz (1)(a) ta' l-artikolu 469A fi sforz biex ticcara sa fejn din id-disposizzjoni setghet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-gurisdizzjoni originali moghtija mill-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' rikors ta' kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34 sa 45 maghdudin ta' l-istess Kostituzzjoni tkun giet jew tkun ser tigi miksura. Kuntrast u konflitt li fil-fehma ta' din il-Qorti huma aktar apparenti milli reali.

2. Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif gia gie rilevat f'gudikati ohra, ir-rimedju taht l-artikolu 469A taht certu aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda.

3 Kif accennat, l-eghmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-

jeddijiet fondamentali. F'dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (1)(a) taht ezami isib applikazzjoni mmedjata. Fejn mill-banda l-ohra l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, d-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja. Ma hemmx ghalfejn jinghad illi f'dan il-kaz min jesegwixxi l-eghmil amministrattiv jitpogga fl-istess livell bhac-cittadin privat. Indubbjament infatti bhala regola, kull attivita' u azzjoni ta' l-individwu huma bhala regola gvernati mil-ligijiet ordinarji anke fejn dawn jilledu l-jeddijiet fondamentali. Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghal-lezjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

4. Kien ukoll principju ta' dritt illi l-Qrati kollha kellhom jassiguraw l-osservanza tal-Kostituzzjoni u kellhom japplikaw il-ligijiet ordinarji fid-dawl tad-disposizzjonijiet taghha. Kif l-istess kellhom l-obbligu illi japplikaw dan il-principju fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropeja li hi parti mid-dritt ordinarju tal-pajjiz. Fil-kaz taht ezami, il-kompitu tal-Qorti hu faciltiat fis-sens illi r-rikors odjern hu unikament bazat fuq allegata vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja kif inkorporata fil-kap 319 u stricto iure allura mhux qed jigi allegat illi l-eghmil amministrattiv kien jikser il-Kostituzzjoni.

Mhux mehtieg allura li din l-Qorti telabora oltre dwar dan l-aspett tal-kwistjoni.  Tikkonkludi biss billi tinnota illi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti f'tentattiv biex tirrikoncilja dan l-inciz (1)(a) ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 u ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li tiffavorixxi interpretazzjoni bazata fuq l-effettivita' tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn ir-rimedju effettiv ghal-lezjoni subita ma setax jinghata taht l-artikolu 469A.  Interpretazzjoni din mhux ghal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta' interpretattiva.  Mill-banda l-ohra, ta' min ifakkar illi jidher illi l-legislatur originarjament intenda li, bl-introduzzjoni ta' l-inciz (1)(a) ta' dan l-artikoli, jintroduci u jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li fih setghet tigi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni inkluzi, forsi, ukoll dawk fondamentali, tant illi originarjament l-inciz (3) ta' dak l-artikolu kien japplika wkoll ghall-inciz (1)(a).  Eventwalment u fortunatament wara kontestazzjoni, il-legislatur gie konvint jelimina dan il-perjodu preskrittiv in kwantu japplika ghal eghmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u dana bl-Att IV ta' l-1998.  L-emenda pero' bl-ebda mod ma ccarat il-konflitt apparenti bejn il-kompetenza civili u l-kompetenza kostituzzjonali.

Rebus sic stantibus din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata illi "it-tifsira hi li l-Qorti fil-kompetenza civili ghandha gurisdizzjoni hlief fejn il-ligi tnehhilha dik il-gurisdizzjoni u r-regola tibqa' li fejn jista' jinghata rimedju tajjeb u bizzejjed mill-Qorti fil-

kompetenza civili mela ma hemmx ghalfejn isiru proceduri straordinarji bhal dawk tal-lum". Dan naturalment salv dejjem il-principju illi r-rimedju mill-Qorti fil-kompetenza civili kellu jinghata biss bl-applikazzjoni tal-ligi u tar-regoli ta' dritt applikabbli fil-kamp tad-dritt civili.

B. L-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili

Is-sentenza appellata tghaddi imbaghad biex tanalizza l-import ta' l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civil sa fejn dan seta' jkun applikabbli ghall-kaz. Is-sentenza tkompli hekk:-

> "L-art. 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li l-intimat qed ighid li jaghti r-rimedju li qed jitlob ir-rikorrent, u li ghalhekk ir-rikorrent kien imissu mexxa taht dak l-artikolu, ighid hekk:
>
> **469A.** (1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:
>
> (*a*) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;
>
> (*b*) meta l-eghmil amministrattiv ikun *ultra vires* ghal xi raguni minn dawn li gejjin:
>
> (i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew
>
> (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil; jew

(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

(2) F'dan l-artikolu -

"eghmil amministrattiv" tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:

… … …

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi.

Jekk l-eghmil ta' l-intimat jista' jitqies bhala "eghmil amministrattiv" maghmul minn "awtorità pubblika" ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu, mela r-rikorrent seta' talab rimedju taht il-ligi ordinarja ghax jekk qed ighid li l-eghmil huwa bi ksur tad-dritt tieghu ta' proprjetà mela jkun ukoll "jikser il-Kostituzzjoni" ghax id-dritt ta' proprjetà huwa mhares ukoll taht l-art. 37 tal-Kostitiuzzjoni ta' Malta. Ikun ukoll "imur mod iehor kontra l-ligi" jekk ikun bi ksur ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u dan ukoll jaghti lill-qorti s-setgha li tistharreg dwaru fil-kompetenza ordinarja taghha. Hawnhekk ukoll il-qorti tghid illi ma taqbilx ma' dak li qal ir-rikorrent fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu meta qal illi "fid-*drafting* … … … hemm li d-decizjoni hi annullabbli jekk tkun kontra l-Kostituzzjoni imma mhux jekk tkun kontra l-Konvenzjoni Ewropea"[3]. Il-Konvenzjoni hija parti mil-ligi taghna, u eghmil bi ksur taghha hu eghmil li jmur kontra l-ligi."

<u>Osservazzjoni ta' din il-Qorti</u>

Din il-Qorti anke fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet gia' fuq maghmula, tinnota biss illi l-appellant qed jinvoka l-protezzjoni tal-Konvenzjoni

[3] *Fol.* 42.

Ewropeja u mhux tal-Kostituzzjoni u ma kienx allura mehtieg ghall-fini ta' din il-kawza li jigi determinat jekk l-eghmil amministrattiv kienx jew le, jekk provat, jikser il-Kostituzzjoni u, jekk iva, kienx hemm qabel xejn rimedju effettiv taht il-ligi civili li minnu seta' juzufruwixxi l-appellant. Mill-banda l-ohra pero', jekk jirrizulta illi l-eghmil lamentat mill-appellant jilledi l-Konvenzjoni Ewropeja, ghamlet sewwa l-Ewwel Qorti illi ndagat jekk tali eghmil setghax jigi jew le kwalifikat bhala eghmil amministrattiv. Dan ghaliex fil-kaz ta' risposta fl-affermattiv, kien ikun applikabbli l-inciz (1)(a) ta' l-artikolu 469 A tal-Kap 12.

C. <u>Dwar jekk il-korp tal-Pulizija hux "awtorita' pubblika" u jekk l-ghemil ta' l-intimat setax jigi kwalifikat bhala li kien "eghmil amministrattiv" jew "eghmil kwazi gudizzjarju"</u>

Is-sentenza appellata hekk tissokta:-

> "Irridu naraw mela jekk l-eghmil li minnu qed jilmenta r-rikorrent jitqiesx "eghmil amministrattiv" maghmul minn "awtorità pubblika" kif jifhem dan il-kliem l-art. 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.
>
> Ma jidhirx li hu kontestat li l-Korp tal-Pulizija jitqies awtorità pubblika ghall-ghanijiet ta' l-artikolu. L-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap. 165) twaqqaf, jew tghid li "ghandu jkompli jkun hemm", il-Korp tal-Pulizija, li ghalhekk huwa "korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi" kif jifhem dan il-kliem l-art. 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.
>
> Ir-rikorrent, izda, qieghed ighid li l-eghmil ta' l-intimat li minnu qieghed jilmenta ma hux "eghmil amministrattiv"; qieghed ighid illi l-eghmil huwa wiehed "kwazi-gudizzjarju", mhux "amministrattiv"[4]. L-intimat ma jaqbilx ma' din l-interpret-azzjoni:

[4] *Fol.* 42.

> Mhu minnu xejn li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-pulizija wettqet xi funzjoni kwazi-gudizzjarja. Dak li qed jallega r-rikorrent jirrientra pjenament fil-funzjonijiet ezekuttivi tal-pulizija. Li l-pulizija tissekwestra (*recte* taqbad) oggett ta' persuna mhux poter kwazi-gudizzjarju izda eghmil ammnistrattiv.[5]

Il-qorti ma tarax li l-kriterju ghandu jkun jekk l-eghmil meritu tal-kawza tallum hux wiehed "kwazi-gudizzjarju" jew "amministrattiv" ghax eghmil amministrattiv jista' jkun ukoll ta' natura kwazi-gudizzjarja bla ma b'hekk jinheles mis-setgha tal-qorti li tistharreg dwar il-validità tieghu. Li hu relevanti, fil-fehma ta' din il-qorti, hu li l-qbid tal-proprjetà sar ghall-ghanijiet ta' proceduri kriminali u ghalhekk il-qbid tal-karrozza mill-pulizija minghand ir-rikorrent jista' jitqies bhala parti mill-process li jrid iwassal ghal decizjoni dwar akkuza kriminali maghmula kontra r-rikorrent, ghax gà minn dak il-waqt kien intlaqat ir-rikorrent b'effett ta' dak il-process. Il-process kriminali, ghall-ghanijiet tad-dispozizzjonijiet ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali, ma jitqiesx li nbeda biss meta tinhareg l-akkuza formali; jista' jitqies li jkun inbeda wkoll qabel ma tinhareg l-akkuza[6]. Dan il-process, u dak li jsir fil-kuntest ta' dan il-process, ma jistax jitqies li huwa "eghmil amministrattiv" u ghalhekk il-qorti ma tistax tistharreg dwaru taht l-art. 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Madankollu, ma hux dak l-artikolu biss li seta' jaghti lir-rikorrent rimedju taht il-ligi ordinarja."

<u>Osservazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Hu f'din il-parti tas-sentenza li din il-Qorti tiddipartixxi mill-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti. Fil-waqt li tasal biex taqbel mal-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi "ma tarax li l-kriterju ghandu jkun jekk l-eghmil mertu tal-kawza tal-lum hux wiehed "kwazi gudizzjarju" jew "amministrattiv" ghax eghmil amministrattiv jista' jkun ukoll ta' natura kwazi gudizzjarja bla ma b'hekk jinheles mis-setgha tal-Qorti li tistharreg dwar il-validita' tieghu, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma illi dak li kien rilevanti

[5] *Fol.* 54.

hu determinanti u jekk il-qbid tal-proprjeta' ikunx sar "ghall-ghanijiet ta' proceduri kriminali". Din il-Qorti taqbel illi jekk il-qbid tal-proprjeta' ikun sar fil-kuntest ta' gbir ta' prova biex issostni akkuza kontra persuna indizjata bil-kommisjoni ta' rejat anke jekk mhux formalment akkuzata bih quddiem Qorti, dak il-qbid seta' jitqies li kien parti mill-process gudizjarju kontra dak l-individwu. F'dawn ic-cirkostanzi l-individwu seta' jinvoka il-protezzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-jeddijiet fondamentali tieghu.

Mill-banda l-ohra pero', sakemm il-qbid ikun sar mill-pulizija unikament ghall-ghan ta' investigazzjoni fil-kors normali ta' l-ezekuzzjoni tad-doveri taghhom minghajr ma jkun hemm persuna indizjata in kommissjoni tar-rejat, tali qbid ma setghax jinghad li jkun sar fil-kors tal-process kriminali u konsegwentement ma setax jintlaqat mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali fil-Konvenzjoni. Il-frazi allura "ghall-ghanijiet tal-proceduri kriminali" tehtieg definizzjoni biex tigi ristretta proprju ghal dawk il-kazijiet fejn il-proceduri kriminali ikunu diga' identifikati u identifikabbli u ser jittiehdu fil-konfront ta' l-individwu li jkun sofra l-qbid tal-possedimenti tieghu. Bizzejjed jinghad li f'dan il-kaz, il-fatt li l-Pulizija esegwiet il-qbid in kwistjoni, bl-ebda mod ma kien ifisser illi l-appellant kien necessarjament involut fir-rejati ravvizati mill-Pulizija Ezekuttiva jew li kien l-awtur taghhom. Persuni ohra (u dan barra hu) setghu kienu involuti fil-kommissjoni ta' dawn ir-

[6] Ara *e.g.* il-kaz ta' **Eckle kontra l-Germanja Federali**, 15 ta' Lulju 1982, para. 73.

rejati fosthom l-importatur tal-vettura, il-venditur taghha, min ghamel it-tiswijiet fiha, u min biegh l-*ispare parts*.

Sakemm allura l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx ikkonkludiet l-investigazzjoni taghha u ma tkunx identifikat il-persuna li fil-fehma taghha kellu jigi akkuzat bir-rejat u ma tkunx b'xi mod notifikat lil dik il-persuna b'dik ic-cirkostanza, ma setghax jinghad li kien hemm persuna "akkuzata b'rejat" ghall-fini ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Jirrizulta effettivament illi fil-kaz taht ezami il-Pulizija ssostni illi kien jehtieg process twil ta' investigazzjoni biex tiddetermina finalment jekk kenitx effettivament tirrizulta l-kommissjoni tar-rejat u min kellu jigi akkuzat bhala l-awtur tieghu.

Il-Qorti allura tikkonsidra li fil-waqt li hu veru illi l-process kriminali ghall-ghanijiet tad-disposizzjonijiet ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali ma jitqiesx li beda biss kif tinhareg l-akkuza formali, u seta' jitqies li kien inbeda ukoll qabel ma kien tinhareg l-akkuza ghaliex tkun materjalment inbidlet is-sitwazzjoni tal-persuna eventwalment akkuzata bir-rejat, kien mehtieg li jsir l-ezercizzju ta' l-ezami tal-provi biex jigi stabbilit meta u jekk kienx attwalment avvera ruhu dak it-tibdil.  Altrimenti wiehed ikun qieghed jissogra illi kull investigazzjoni maghmula mill-Pulizija Ezekuttiva ikollha titqies li tkun saret "fil-kuntest ta' process kriminali" u ma setghet allura qatt titqies li tkun "eghmil amministrattiv".  Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-konsiderazzjoni li donnha tikkwalifika l-eghmil bhala "amministrattiv" jew le ghall-fini ta' l-artikolu 469A skond l-ghan li

ghalih il-Pulizija tkun ghamlet l-elevazzjoni.  Il-motivazzjoni tal-Pulizija meta taghmel il-qbid ma kellhiex tkun rilevanti ghal dan il-fini. Semmai kien rilevanti l-fatt jekk il-qbid kienx jikkostitwixxi element materjali fil-process li fih persuna tkun ser tigi jew tkun akkuzata b'rejat u biss minn dak il-mument.

"*The (European) Court prefers a "substantive" to a "formal" approach to the concept of a "charge" and in order to determine whether a person has been charged it will "look behind the appearances and investigate the realities of the procedure in question".  It has defined a "charge" as "the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" and  has said that "it may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect".  Identification of the precise point at which a "charge" has been brought is frequently important since it is from the moment of the "charge" that the "reasonable time" in article 6, paragraph 1 begins to run … … The arrest of the accused, an official notification of intention to prosecute and the opening of preliminary judicial investigations are amongst the points which have been taken as the moment of a charge".*  (Article 6 of the European Convention on Human Rights – The  Right to a Fair Trial, Human Rights Files Number 13 by Andrew Grotrian, pages 20 et seq)

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma giex sodisfacentament provat illi dawn ic-cirkostanzi kienu jezistu certament mhux fil-mument meta ser il-qbid lamentat mill-appellant.

*"The object and purpose of article 6 is thus the protection of the rights of the defence. Thus the Strasbourg case law holds that the purposes of article 6 of the Convention, a criminal charge must be considered to exist at the moment an individual's situation is "substantially affected" by governmental acts founded on a suspicion against him. The timing of the formal filing of charges is not determinative for triggering his rights under article 6. In the Eckle case* (il-kaz li ghalih irriferiet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata) *the Court had also said that for the purposes of article 6(1) the charge could be defined as the "official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence".* (Notifikazzjoni din li mill-atti ma jirrizultax li espressament inghatat lill-appellant qabel il-prezentata ta' din l-istanza) *The Court in the Foti case expanded the notion to comprise "other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially effect the situation of the suspect". The Commission and Court have found the "substantial effect" standard to be met by such actions as the publication of a warrant or the search of premises or persons. On the other hand, they have not found the standard to be met by the launching of a police investigation, the questioning of witnesses or other activities without a*

*direct effect on the individual". (*Law and Practice of the European Convention of Human Rights, Gomien, Harris and Zwaak, pages 179 et seq. Kazijiet kollha kif riferiti fid-Digest of Strasbourg Case Law, Volume 2, Article 6, pages 193 sa 214)

Din il-Qorti ma hiex allura sodisfatta illi l-provi prodotti jikkonvincuha illi c-cirkostanzi kienu tali illi seta' jinghad illi l-qbid tal-proprjeta' ta' l-appellant mill-Pulizija Ezekuttiva kien gie esegwit fl-isfond tar-rispett ragjonevoli illi r-rikorrent kien ser jigi akkuzat bil-kommissjoni ta' reat anke jekk l-oggett maqbud minn ghandu kien jindika li kien hemm probabbilita' li seta' kien l-oggett ta' tali rejat. F'dan ir-rigward pjuttost fattwali, din il-Qorti allura ma taqbilx mas-sentenza appellata.

Hemm imbaghad aspett aktar fundamentali ta' divergenza ta' opinjoni fir-rigward ta' din il-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata. Anke *dato e non concesso* illi l-qbid kien sar "fil-kuntest tal-process" dwar akkuza kriminali eventwalment maghmula kontra r-rikorrent, f'liema eventwalita' l-istess rikorrent seta' jinvoka l-protezzjoni sa minn dak iz-zmien tal-qbid tas-subinciz 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, xorta wahda fil-fehma ta' dik il-Qorti, dak il-fatt ma setghax u ma kellux jissottratta l-mertu tal-kawza mill-applikabilita' ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12. Dan proprju ghaliex il-protezzjoni konvenzjonali ta' persuna akkuzata b'rejat kriminali moghtija bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kien fl-ahjar ipotesi tkopri l-persuna akkuzata b'rejat b'garanzija ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Id-determinazzjoni tal-mument li fih persuna seta'

jinghad li kienet akkuzata b'rejat kien skond il-gurisprudenza Ewropeja, partikolarment rilevanti biex proprju jigi determinat jekk l-akkuzat kellux bhala fatt smiegh quddiem Qorti fi zmien ragonevoli. (Ara Konig Case [1978] u Le Compte, Van Leuven and De Meyere [1981], The Huber Case [1973] u Teweer Case [1980] u ohrajn). Il-garanzija konvenzjonali ghal smiegh xieraq allura bl-ebda mod ma testendi ghall-protezzjoni tad-dritt fondamentali tal-proprjeta' ta' persuna akkuzata bil-kondotta tal-process, fis-sens lat tieghu. Dan id-dritt ta' proprjeta' in kwantu dan seta' jigi lez bhala jedd fondamentali kopert mill-Kovenzjoni, jibqa' biss iggvernat fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol invokat ukoll mir-rikorrent fir-rikors promotur.

Din il-Qorti ma tistax allura taqbel mal-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi il-qbid tal-karozza ma setax jitqies li kien eghmil amministrattiv. Inoltre anke li kieku kellu jitqies li kien ezegwit bhala parti mill-process kriminali – fatt kif inghad ghal din il-Qorti ghal kollox incert – xorta wahda ma kienx kopert bil-garanziji kostituzzjonali li jirrigwardaw is-smiegh xieraq. Dan proprju ghaliex il-kontestazzjoni tar-rikorrent tirrigwarda c-cahda ta' l-uzu ta' dik il-proprjeta' sakemm il-karozza damet maqbuda u mhux id-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fiz-zmien ragjonevoli minn tribunal imparzjali u indipendenti. Konsegwentement din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sentenza appellata illi ma kienx applikabbli ghall-fatti taht ezami l-artikolu 469 A tal-Kodici

ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'dan taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellat.

D. L-artikolu 356 tal-Kodici Kriminali

L-Ewwel Qorti hekk temmet il-motivazzjoni taghha fis-sentenza appellata:-

> "Ir-rikorrent qed ighid illi "ma hemmx ligi ordinarja li tista' ggieghel lill-pulizija … … … li jtemmu l-investigazzjoni taghhom fi zmien qasir" u qieghed jilmenta dwar id-dewmien bejn iz-zmien meta nqabdet il-karrozza u z-zmien biex jinbdew il-proceduri li, sa meta kien ipprezentat ir-rikors, kienu ghadhom ma nbdewx.
>
> L-art. 356(1) tal-Kodici Kriminali jghid hekk:
>
> > **356.** (1) Huwa dmir tal-Pulizija Esekuttiva li ggib quddiem il-qorti mill-aktar fis li tista', u, meta jista' jkun, flimkien ma' l-imputat, il-provi kollha li tkun gabret fuq ir-reat.
>
> Il-karrozza tar-rikorrent inqabdet ghax kienet prova fuq ir-reat, u ghalhekk il-pulizija kellha d-dmir li tressaqha quddiem il-qorti "mill-aktar fis li tista'". Biex il-process formali jintemm, irid xi darba jinbeda billi jingiebu l-provi quddiem il-qorti. L-art. 356(1) tal-Kodici Kriminali jqieghed fuq il-pulizija esekuttiva d-dmir li tibda l-process fi zmien ragonevolment qasir. Ladarba l-pulizija ghandha dan id-dmir taht il-ligi ordinarja mela hemm ukoll rimedju taht il-ligi ordinarja jekk tonqos f'dan id-dmir. Jekk lir-rikorrent deherlu li z-zmien li hadet il-pulizija kien itwal miz-zmien li jista' jitqies li jaghti l-art. 356(1), kien imissu talab rimedju taht dak l-artikolu, li ma hux xi *lex imperfecta* bla sanzjoni.
>
> Kull ma ghamel ir-rikorrent qabel ma beda dawn il-proceduri tallum kien li jipprezenta ittra ufficjali; ma bediex proceduri gudizzjarji ohra li jwasslu ghal decizjoni. Dan ifisser li ma nqediex bir-rimedji li taghtih il-ligi ordinarja qabel ma fittex ir-rimedju straordinarju bil-proceduri tallum."

Osservazzjoni ta' din il-Qorti

Ir-rimedju identifikat mill-Ewwel Qorti indubbjament jezisti u certament kien accessibbli ghar-rikorrent appellant appena gie indizjat bhala l-persuna li setghet tkun akkuzata bir-rejat. Sitwazzjoni din li kif appena trattat, din il-Qorti mhux daqstant konvinta li kienet tezisti fil-kaz taht ezami. Dan kollu pero' bl-ebda mod ma jfisser illi r-rikorrent appellant ma kellux rimedji taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk disponibbli ghalih fil-Kodici Kriminali, proprju biex jipprotegi l-interessi proprjetarji tieghu anke fl-eventwalita' illi hu ma jkunx ghadu b'xi mod indizjat bhala akkuzat ta' xi reat u allura meta ma setghax jinghad illi l-elevazzjoni saret fil-kors ta' "process kriminali". Infatti hemm diversi disposizzjonijiet fil-Kodici Kriminali illi jimponu fuq il-Pulizija kif kellhom jagixxu fl-elevazzjoni ta' dokumenti – kif tkun kwalifikata l-karozza in kwistjoni – li fil-fehma taghha kellhom x'jaqsam ma' rejat. Anke jekk il-kommissjoni ta' dak ir-rejat ma tkunx ghadha giet accertata u wisq anqas tkun giet identifikata l-persuna li kkommettietu. Hekk per ezempju l-artikolu 357 tal-Kap 9 jipprovdi li meta Ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva "jikxef … … dokumenti … … jew haga ohra li jkollha x'taqsam ma' rejat", hu ghandu jfittex li jistabilixxi u jizgura l-ezistenza taghhom u li jzommhom fl-istat li jkun sabhom sakemm jaghmel ir-rapport tieghu lill-Qorti tal-Magistrati. Kien hekk obbligat li jaghmel mill-aktar fiss possibbli. Mill-banda l-ohra, l-artikoli fit-Titolu II tat-Taqsima II

tal-Kap 9 li jitratta fuq l-"in genere", l-accessi u r-riferti jipprovdi x'kellha taghmel il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti inkwirenti biex tippreserva s-suggett materjali tar-rejat – f'dan il-kaz il-karozza - wara li jkun sar ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela tar-rejat. Il-Qorti tal-Magistrati allura kellha l-kompetenza biex tiehu konjizzjoni ta' rikorsi li jikkontestaw l-operat tal-Pulizija Ezekuttiva fir-rigward ta' l-elevazzjoni ta' oggetti illi jkunu gew elevati fil-kors ta' l-investigazzjoni tar-rejati anke min qabel ma jkun gie stabbilit jekk kienx effettivament gie kommess ir-reat u jekk kienx hemm indikazzjoni min seta' kien ikkomettieh. Dana kemm fir-rigward tal-preservazzjoni ta' l-istess oggett elevat kif ukoll tar-relevanza tieghu bhala prova ghall-eventwali process u, fil-kaz negattiv ghar-rilaxx tieghu lill-sidu. Konsidrat l-obbligu tal-Pulizija Ezekuttiva li mhux biss tipprocedi tempestivament quddiem il-Qorti imma wkoll li tippreserva l-provi materjali tar-rejat, kien konsegwenzjali d-dritt tar-rikorrent li minn ghandu giet maqbuda l-karozza, illi jirrikorri ghall-Qorti Kriminali tal-Magistrati biex jakkwista rimedju ghall-allegat qbid abbuziv. Mill-banda l-ohra, jekk wiehed imbaghad jikkonsidra kif tikkonsidra din il-Qorti illi fil-kaz taht ezami l-operat tal-Pulizija Ezekuttiva kien sindakabbli taht l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, ir-rimedji accessibbli ghar-rikorrent kien u anke aktar linejari u cari. Dan in kwantu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kif elenkati fir-rikors promotur setghu kienu soggetti ghall-iskrutinju tal-Qrati Civili fuq numru mid-diversi kapi ta' dik id-disposizzjoni registrata fis-sentenza appellata u fuq riportata. Dan

apparti minn rimedji ohra accessibbli ghar-rikorrent bl-applikazzjoni tar-regoli generali ta' dritt civili li mhux mehtieg li din il-Qorti tinoltra ruhha fihom.

Zgur pero' li mhux korrett li jinghad illi f'dawn ic-cirkostanzi l-appellant kellu biss accessibbli ghalih ir-rimedju kostituzzjonali jew li l-Pulizija Ezekuttiva kellha xi dritt illi zzomm l-oggett minnha elevat ghall-investigazzjoni ta' rejat indefinittivament, bla ebda raguni u bla ma taghti ebda sodisfazzjon lill-persuna li minn ghandha jkun gie elevat l-oggett fil-process gudizzjarju proprju biex jigu verifikati il-korrettezza u l-opportunita' ta' l-agir ta' l-istess Pulizija Ezekuttiva fl-ezercizzju tal-qadi ta' dmirijietha.

Ghal dawn il-motivi, li ghandhom jitqiesu elaborazzjoni ta' dawk dedotti mill-Ewwel Qorti,  is-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell michud.  L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mir-rikorrent appellant.

Dep/Reg

cb